

Brussell, 5 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14646/19

SOC 777
EMPL 591
EDUC 468
JEUN 141

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: ST 14520/19 + COR 1	
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar swieq tax-xogħol inklużivi: It-titjib tal-impjieg ta' persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar swieq tax-xogħol inklużivi: It-titjib tal-impjieg ta' persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol.

It-test ġie approvat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) fl-4 ta' Diċembru 2019.

Il-Kunsill EPSCO huwa mistieden jadotta dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill fis-sessjoni tiegħu fl-10 ta' Diċembru 2019.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar swieq tax-xogħol inklużivi:
It-titjib tal-impjieg ta' persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

JIRRIKONNOXXI li:

1. It-titjib tal-opportunitajiet ta' impjieg għal kulħadd huwa objettiv rikonoxxut tal-Unjoni Ewropea¹. Barra minn hekk, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jissottolinja d-dritt ta' kulħadd għall-assistenza biex jitjiebu l-prospetti ta' impjieg jew ta' impjieg indipendenti u l-aċċess għas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, il-ħaddiema fl-UE huma protetti mid-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, età, sess, orjentazzjoni sesswali, diżabilità u oriġini razzjali jew etnika. Barra minn hekk, xi leġislazzjoni tal-UE tipprevedi wkoll klawżoli dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi.
2. In-nuqqas ta' ħaddiema, b'mod partikolari ta' ħaddiema tas-sengħa, għandu impatt negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività tal-Ewropa. Għalhekk, huwa importanti li jiġi kkunsidrat kif jista' jiġi promoss l-impjieg ta' persuni li attwalment jinsabu barra mis-suq tax-xogħol jew li ma jistgħux jilhq u l-potenzjal tagħhom minħabba żvantaġġ partikolari jew ostakli fl-ambjent tax-xogħol bħan-nuqqas ta' aċċessibbiltà. In-nies li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol spiss ikunu riżorsa mhux użata biżżejjed; l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol hija mod importanti kif tinkiseb rata ta' impjieg ġenerali oġġla, koeżjoni soċjali u inklużjoni.

¹ It-Trattat Konsolidat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Titolu I, l-Artikolu 3(3) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, it-Titolu II, l-Artikolu 15.

3. L-impjieg jipprovdi introjtu u johlq rwol soċjali speċifiku ta' impjegat jew ta' persuna li taħdem għal rasha. Xi gruppi ta' nies speċifiċi għadhom jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol. Hemm sfidi partikolari relatati mal-parteċipazzjoni u l-inklużjoni ta', pereżempju, persuni b'diżabilità, ħaddiema akbar fl-età, persuni b'livell baxx ta' ħilet u persuni qiegħda fit-tul, żgħażaġh, speċjalment inkluż dawk barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs), persuni b'responsabbiltajiet ta' kura, Rom u persuni bi sfond ta' migrazzjoni, b'mod partikolari ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti legalment. Hemm ukoll sfidi partikolari relatati mad-differenza persistenti bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol u d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni vulnerabbli li jgħixu f'żoni rurali.
4. Għal persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol u, b'mod partikolari, għall-persuni b'diżabilità, l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-parteċipazzjoni fih huma partikolarment importanti. Mingħajr tali aċċess u parteċipazzjoni jistgħu jesperjenzaw iżolament soċjali akbar, stigma, u piżijiet finanzjarji meta mqabbla ma' persuni mingħajr diżabilità jew ma' persuni f'pożizzjoni aħjar fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, l-akkumulu tal-iżvantaġġi jkompli jżid ir-riskju ta' qgħad fit-tul, ta' inattività jew ta' ħruġ mis-suq tax-xogħol.
5. Fir-rigward ta' persuni b'diżabilità, l-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilità², li l-UE u l-Istati Membri kollha huma parti għaliha, jobbliga lill-Istati Parti biex “ħarsu u jippromwovu l-kisba tad-dritt għax-xogħol”, permezz ta', fost l-oħrajn, il-ħolqien u l-forniment ta' opportunitajiet ta' impjieg fil-forom kollha, inkluż l-impjieg indipendenti. Il-prinċipju 17 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara li “l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal appoġġ għall-introjtu li jiżgura l-għajxien b'dinjità, servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, u ambjent tax-xogħol adattat għall-bżonnijiet tagħhom”. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 28 tal-istess Konvenzjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jissalvagwardjaw u jippromwovu d-dritt tal-persuni b'diżabilità għall-protezzjoni soċjali.

² Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u l-Protokoll Fakultattiv tagħha (A/RES/61/106) adottati fit-13 ta' Diċembru 2006

JENFASIZZA li:

6. Minħabba d-diversità tal-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, jeħtieġ li jkun hemm approċċ ta' inklużjoni attiva li jenfasizza miżuri mfassla apposta li jqis l-ugwaljanza bejn is-sessi. Huwa importanti li jiġu pprovduti servizzi fuq bażi multisettorjali u multiprofessjonali li jiżguraw aċċess għal varjetà ta' servizzi ta' kwalità, affordabbli u aċċessibbli fir-rigward tal-impjieg, tas-saħħa u fil-qasam soċjali, inkluż l-akkomodazzjoni, il-kura tat-tfal, il-protezzjoni soċjali u l-impjieg appoġġat. Fis-servizzi pprovduti għall-persuni b'diżabilità, għandha tingħata attenzjoni lil kwistjonijiet marbuta mal-aċċessibbiltà u l-akkomodazzjoni raġonevoli³. Hemm ukoll il-hteġa għal gwida u inċentivi li jippermettu l-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja. Huwa importanti wkoll li wieħed jiffoka fuq approċċi preventivi, inklużi sistemi ta' twissija bikrija. B'mod partikolari, entitajiet pubbliċi bħas-servizzi soċjali u s-servizzi pubbliċi tal-impjieg għandhom rwol kruċjali biex jipprovdu appoġġ individwalizzat u olistiku bikri.
7. Il-punti ta' kuntatt uniċi huma kruċjali għall-utenti kollha flimkien ma' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għal dawk li huma l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol. Koordinazzjoni effettiva teħtieġ kondiviżjoni ta' informazzjoni u kooperazzjoni msaħħa bejn is-servizzi differenti, speċjalment is-servizzi tal-impjieg u dawk soċjali, u atturi oħra, b'mod partikolari s-soċjetà ċivili u, fejn rilevanti, is-sħab soċjali u l-istituzzjonijiet edukattivi.

³ L-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 jgħid li l-impjegaturi għandhom jieħdu miżuri adegwati, fejn meħtieġ, li jgħinu persuna b'diżabilità jkollha aċċess għal impjieg jew li tipparteċipa jew tavvanza fih, jew sabiex titħarreġ, dment li tali miżuri ma jimponux piż sproporzjonat fuq l-impjegatur.

8. L-aċċess għal tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità huwa partikolarment importanti fid-dinja tax-xogħol li qed tinbidel kontinwament, inkluż f'oqsma fejn hemm potenzjal għal tkabbir fl-impjiegi. L-impjegaturi għandhom rwol importanti fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-impjegati tagħhom, inkluż daww l-individwi li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli. Miżuri effettivi li jgħinu lin-nies li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol biex jaċċessaw impjeg jistgħu jinkludu l-valutazzjoni tal-ħiliet eżistenti, l-identifikazzjoni tat-titjib tal-ħiliet u l-ħtiġijiet tat-taħriġ mill-ġdid, it-tisħiħ tar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-għarfien u l-ħiliet eżistenti, l-għoti ta' gwida u konsulenza dwar il-karriera u l-forniment ta' riabilitazzjoni professjonali u akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, taħriġ imprenditorjali u appoġġ tal-bidu immirati jistgħu jkunu effettivi għal xi persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli. Ta' min jikkunsidra wkoll l-inċentivi finanzjarji għall-bidu ta' xogħol u biex jitneħħew in-nases tal-benefiċċji.
9. L-impjegaturi jistgħu jibbenefikaw mill-għajjnuna u l-appoġġ biex jimpjegaw persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol permezz ta', pereżempju, is-sensibilizzazzjoni, l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' aġġustament fuq il-post tax-xogħol, pariri dwar l-iżgurar tal-aċċessibbiltà u ta' akkomodazzjoni raġonevoli, u servizzi ta' appoġġ wara l-kollokament. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għad-disponibbiltà ta' teknoloġiji ta' assistenza u soluzzjonijiet tal-IT u l-aċċess għalihom. Ta' min wieħed jikkunsidra l-inċentivi fiskali u tat-taxxa inkluż is-sussidji għar-reklutaġġ. Il-promozzjoni ta' kultura pożittiva fuq il-post tax-xogħol li tiffavorixxi Prattiki inklużivi, inklużi proċessi ta' reklutaġġ mhux diskriminatorji u inklużivi, u li toffri appoġġ u taħriġ fil-ħiliet tad-diversità tista' ttejjeb il-possibbiltajiet ta' persuni f'pożizzjoni żvantaġġata.

10. Il-potenzjal tat-teknoloġija ġdida, id-diġitalizzazzjoni u, b'mod ġenerali, il-bidliet fid-dinja tax-xogħol għandhom ikunu ta' benefiċċju għal kulħadd. Għandhom jittieħdu miżuri biex jiġu miġġielda l-inugwaljanzi eżistenti. Huwa importanti li jiġi identifikat kif id-diġitalizzazzjoni qed taffettwa lill-ħaddiema u lil dawk li qed ifittxu impjieg li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, inkluż il-possibbiltajiet tagħhom ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, filwaqt li ma jintesiex l-impatt tal-impjieg relatati mal-ġeneru. Għall-persuni b'diżabilità, it-teknoloġiji l-ġodda, inkluż l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, għandhom potenzjal kbir dment li jkunu aċċessibbli, affordabbli, inklużivi għall-persuni b'diżabilità u ma jwasslux għal prattiki diskriminatorji.
11. Forom ta' attività, inkluż l-impjieg indipendenti, li jipprovdu flessibilità f'termini ta' ammont ta' xogħol, skeda tax-xogħol u post tax-xogħol jistgħu jippermettu li jkun hemm kompatibilità aħjar bejn id-diżabilità u l-ħajja ta' kuljum. Barra minn hekk, il-pjattaforma u l-ekonomija tal-gigs jistgħu jgħallqu opportunitajiet ġodda ta' impjieg għal persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol. Madankollu, biex jittieħed vantaġġ sħiħ minn dawn l-opportunitajiet, jenħtieġ li jiġu żgurati kemm il-kwalità u s-sostenibilità tal-impjieg kif ukoll l-aċċessibilità tagħhom filwaqt li jiġu previsti miżuri ta' protezzjoni xierqa tal-impjieg.
12. L-ekonomija soċjali, u b'mod partikolari l-intrapriżi soċjali, jistgħu jkunu ta' valur partikolari fl-appoġġ ta' persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli li jkunu qed iħejju għas-suq tax-xogħol u jipparteċipaw fih. L-intrapriżi soċjali jista' jkollhom rwol kruċjali fil-ħolqien ta' impjieg sostenibbli u fl-iffaċilitar tal-integrazzjoni soċjali. Minbarra li joffru impjieg, huma jistgħu jipprovdu titjib tal-ħiliet u jippromwovu ċittadinanza attiva, u b'hekk itejbu l-impjegabbiltà ta' dawn il-persuni fin-negozji prinċipali.
13. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jtejbu l-impjieg ta' gruppi differenti ta' persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol billi jimplimentaw kunsiderazzjonijiet soċjali u b'mod partikolari kriterji ta' impjieg fil-proċessi ta' akkwist pubbliku.
14. Il-fondi tal-UE, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, huma ta' importanza ewlenija biex jintlaħqu u jiġu meġġuna dawk li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli bil-għan li jiġu inklużi kemm fis-suq tax-xogħol kif ukoll fis-soċjetà, pereżempju permezz tal-promozzjoni ta' innovazzjonijiet soċjali u permezz tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi multisettorjali.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, u b'kont meħud taċ-ċirkustanzi nazzjonali, filwaqt li jkunu rispettati r-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali:

15. biex ikomplu jiżviluppaw politiki tal-impjiegi u soċjali inklużivi u komprensivi li jagħtu attenzjoni lill-persuni f'pożizzjoni vulnerabbli, li jimmiraw li jiffaċilitaw id-dħul u ż-żamma tagħhom tal-impjiegi kif ukoll jgħinu biex jadattaw għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-swieq tax-xogħol, inkluż is-swieq tax-xogħol reġjonali, lokali u settorjali. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni rurali;
16. biex ifasslu politiki bħal dawn b'mod integrat, filwaqt li jqisu il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u b'mod li jiffoka fuq intervent bikri, u b'hekk jipprevjeni lil dawk li diġà jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol milli jsiru aktar żvantaġġati. Biex jippromwovu l-interazzjoni tal-qligħ u l-benefiċċji ta' protezzjoni soċjali b'mod li joħroġ lin-nies mill-inattività u li x-xogħol irendi;
17. biex titjieb id-disponibbiltà ta' servizzi multisettorjali, multiprofessjonali u b'limitu baxx għall-persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli, inkluż il-persuni b'diżabilità. Dawn jistgħu jinkludu punti uniċi ta' servizz u servizzi individwalizzati, bħal taħriġ tax-xogħol, sussidji u servizzi rilevanti għall-impjegaturi. Dan ikun jeħtieġ koordinazzjoni mtejbja u sħubiji aktar b'saħħithom bejn l-atturi differenti, inkluż is-servizzi tal-impjiegi pubbliċi u privati, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-fornituri tas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali, is-soċjetà ċivili, inkluż l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità, kif ukoll l-impjegaturi u s-sħab soċjali, għall-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u fil-fażijiet ta' qabel u ta' wara l-kollokament;
18. biex irawmu l-bini tal-kapaċità ta' servizzi differenti li jaħdmu ma' persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, inklużi l-persuni b'diżabilità, u biex ihegħgu l-esperimentazzjoni tal-politika fost l-impjegaturi, is-servizzi pubbliċi rilevanti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali;

19. biex iżidu l-isforzi tagħhom biex tiġi implimentata r-Rakkomandazzjoni dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet u biex jippromwovu taħriġ imfassal apposta u gwida u konsulenza dwar il-karrieri tul il-ħajja għal persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli sabiex jiġi ffaċilitat it-tagħlim kontinwu, b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol. Biex jipprovdu opportunitajiet biex jiġu aġġornati l-ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, inkluż opzjonijiet ta' karriera intraprenditorjali, u li jiġi promoss l-involvement tal-impjegaturi fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid;
20. biex jippromwovu s-sensibilizzazzjoni fost l-impjegaturi u jiġu żviluppati servizzi li jgħinu lill-impjegaturi jżidu l-offerta ta' impjiegi ta' kwalità u l-opportunitajiet ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol għal persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli, b'mod partikolari għal persuni b'diżabilità, inkluż permezz ta' skemi ta' inċentivi, impjiegi personalizzati u akkomodazzjoni raġonevoli u li jagħmlu aċċessibbli l-ambjenti tax-xogħol, pereżempju bl-użu ta' teknoloġiji ta' assistenza;
21. biex jippromwovu proċessi ta' rekrutaġġ aktar inklużivi u jsir sforz biex jitjiebu s-servizzi tal-impjiegi u t-tqabbil tal-ħaddiema max-xogħol b'dan il-għan. Fejn xieraq, biex jipprovdu lill-impjegaturi b'informazzjoni dwar inċentivi finanzjarji disponibbli;
22. biex jużaw b'mod sħiħ l-istrumenti ta' finanzjament rilevanti tal-UE, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, fl-implimentazzjoni ta' politiki ta' inklużjoni attiva u fit-titjib tal-integrazzjoni ta' persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli, inkluż il-persuni b'diżabilità.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, u b'kont meħud taċ-ċirkustanzi nazzjonali, filwaqt li jkunu rispettati r-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali:

23. biex meta jippromwovu l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jikkunsidraw kif jistgħu jtejb u l-inklużività tas-swieq tax-xogħol u s-sitwazzjoni ta' dawk li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom u l-prospetti ta' impjieg tagħhom fuq bażi ugwali ma' oħrajn u b'hekk jiżied l-għadd ta' persuni b'ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol;

24. biex jinvolvu aħjar lis-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili fit-tfassil, l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' politiki u strateġiji li għandhom l-għan li jiżguraw l-inklużjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol ta' persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli, inkluż il-persuni b'diżabilità;
25. biex jissensibilizzaw lil kulħadd, b'mod partikolari lill-impjegaturi u s-servizzi tal-impjieg, dwar kif itejbu l-inklużività tas-swieq tax-xogħol u l-aċċessibbiltà għalihom, pereżempju billi jiġu pprovduti eżempji pożittivi;
26. biex jesploraw il-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda u forom ġodda ta' xogħol, inkluż xogħol fuq pjattaforma diġitali, fil-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda għall-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli, filwaqt li titqies il-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol kif ukoll l-aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata;
27. biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-intrapriżi soċjali u t-titjib tal-kundizzjonijiet qafas tagħhom, inkluż, fejn xieraq, il-kundizzjonijiet relatati mal-ambjent legali tagħhom u l-aċċess għall-finanzjament; u biex jagħtu viżibilità akbar lill-ekonomija soċjali;
28. biex jikkunsidraw aktar miżuri u azzjonijiet pożittivi, inkluż proċeduri ta' akkwist pubbliku soċjalment responsabbli, biex jitħeġġeġ ir-reklutaġġ ta' dawk li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol;
29. biex isaħħu aktar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti kollha, inkluż ir-Rakkomandazzjoni dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol. Biex jagħtu attenzjoni partikolari, fl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, li jintlaħqu ż-żgħażaġh minn ambjenti żvantaġġati, bħal persuni bi sfond ta' migrazzjoni, persuni b'diżabilità, jew dawk b'responsabbiltajiet ta' indukrar;

30. fejn xieraq, biex itejbu l-ġbir tad-data, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-data, fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-impjiegi ta' dawk li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari l-persuni b'diżabilità⁴.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

31. biex tagħti attenzjoni partikolari lill-persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, inkluż il-persuni b'diżabilità, fil-politiki u l-inizjattivi rilevanti kollha, billi tibni fuq mekkaniżmi eżistenti, inkluż fil-kuntest ta' kwalunkwe strateġija Ewropea futura għall-impjieg u t-tkabbir u fis-Semestru Ewropew, kif ukoll fil-kuntest tad-diversi strumenti ta' finanzjament, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew;
32. biex tkompli tappoġġa t-tagħlim reċiproku u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri.

JISTIEDEN LILL-KUMITAT TAL-IMPJIEGI U L-KUMITAT TAL-PROTEZZJONI SOĊJALI:

33. biex jaħdmu mal-Kummissjoni Ewropea biex itejbu d-disponibbiltà tad-data dwar persuni b'diżabilità u biex jużaw l-informazzjoni disponibbli fil-ħidma tagħhom dwar l-impjieg u l-inklużjoni attiva ta' dawk li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli, inkluż fis-sorveljanza tematika u l-analiżi statistika, b'data diżaggregata skont is-sess u fejn disponibbli skont id-diżabilità u l-gruppi ta' età;
34. biex ikomplu jwettqu sorveljanza multilaterali tematika u speċifika għall-pajjiż, fejn xieraq, fuq il-prestazzjoni u l-politiki tal-Istati Membri rigward persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, inkluż persuni b'diżabilità.

⁴ L-istatistika tal-UE għażlet definizzjoni ta' diżabilità bbażata fuq id-diżabilità awtodikjarata u l-limitazzjonijiet tagħha fuq l-attivitàjiet. Filwaqt li definizzjoni bħal din intużat f'moduli ad hoc fl-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol (LFS), din mhijiex inkluża fl-istħarriġ regolari tal-LFS. Innunqqas ta' data komprensiva u reċenti jillimita l-paraguni bejn ħafna riformi u inizjattivi. Definizzjonijiet oħra jintużaw fl-istħarriġ nazzjonali. Xi data dwar id-diżabilità u l-impjieg hija disponibbli abbażi ta' Statistika dwar l-Introjtu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien (SILC).

Referenzi

1. UE Interistituzzjonali

- Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ffirmata fis-17 ta' Novembru 2017 (13129/17)

2. Leġislazzjoni tal-Unjoni:

- Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 kontra d-diskriminazzjoni msejsa fuq l-oriġini tar-razza jew l-etniċità
- Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol
- Direttiva tal-Kunsill 2006/54/KE tal-5 ta' Lulju 2006 dwar it-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol
- Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi

2. Kunsill

- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ (2013/C 120/01)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suk tax-xogħol (2016/C 67/01)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar "Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti" (2016/C 484/01)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (2019/C 387/01)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Nimxu lejn swieq tax-xogħol aktar inklużivi, adottati fid-9 ta' Marzu 2015 (7017/15)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa, adottati fis-7 ta' Diċembru 2015 (15071/15)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Approċċ integrat" tas-16 ta' Ġunju 2016 (10434/16)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Rispons għal-Lista ta' azzjonijiet tal-Kummissjoni biex tiġi avvanzata l-ugwaljanza għal-LGBTI", adottati fis-16 ta' Ġunju 2016 (10417/16)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Lejn strateġiji biex nagħmlu x-xogħol irodd" tal-15 ta' Ġunju 2017 (9647/17)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Ekonomija tal-Benesseri" tal-24 ta' Ottubru 2019 (13171/19)

3. Il-Kummissjoni Ewropea

- Rakkomandazzjoni 2008/867/KE tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol
- Komunikazzjoni dwar l-"Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli" (COM(2010) 636 final)
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni - inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014–2020" tal-20 ta' Frar 2013 (COM(2013) 83 final)

4. Oħrajn

- Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità adottota fit-13 ta' Diċembru, 2006